MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 60/2007/1

**Anthony Attard (I.D. 579445), Anthony Attard (I.D. 224645),**
**Armando Chircop u Anthony Spiteri**

**v.**

**Unjoni Haddiema Maghqudin, *Malta Maritime Authority,***
**Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru ghall-Kompetittivita` u**
**l-Kommunikazzjonijiet u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi. Permezz ta' dan id-digriet giet michuda t-talba tar-rikorrenti – l-appellanti odjerni – sabiex jizdiedu kawzali u talba fir-rikors promotorju taghhom migjub quddiem dik il-Qorti fl-20 ta' Novembru 2007. Ir-rikorrenti appellanti talbu u kisbu l-permess ta' l-ewwel Qorti sabiex ikunu jistghu jintavolaw dana l-appell.
**2.** Tajjeb li wiehed jirrikapitola fil-qosor x'wassal ghal dan id-digriet. Permezz tar-rikors promotorju tal-20 ta' Novembru 2007, ir-rikorrenti Anthony Attard, Anthony Attard, Armando Chircop u Anthony Spiteri, fissru li l-licenzja taghhom ta' *foremen* fix-xoghol tal-port kienet qed tigi mhedda li tigi mitmuma jew mhux imgedda jekk jigi ffirmat ftehim kollettiv bejn il-UHM u l-awtoritajiet kompetenti. Huma bazikament qed jikkontendu li bl-agir tal-intimati – appellati f'din l-istanza – x'aktarx ser jigu miksura fil-konfront taghhom l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 14 ta' l-istess Konvenzjoni, kif ukoll l-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk huma qed jitolbu r-rimedji opportuni. Fl-imsemmi rikors jinghad, *inter alia*, hekk:

"Illi rinfaccjati b'dawn is-sitwazzjonijiet l-esponenti ma kellhomx ghazla hlief li jirrikorru quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u jitolbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex ma jigi ffirmat ebda ftehim. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili…fis-16 ta' Novembru 2007 laqghet l-istess talba ghall-mandat b;mod definittiv. Illi ghalhekk trid issir kawza halli l-mandat jibqa' fis-sehh, u ghalhekk qed issir din il-kawza. Illi barra dak li kien ser isir b'mod immedjat, <u>it-theddid ta' tehid ta' licenzja tal-*foremen* li qabzu l-eta` 61 sena, jew li jsir regolament, ghalkemm potenzjali sa issa, jinkwadraw ukoll fit-talbiet li qed isiru u li jkopru kemm il-mertu tal-mandat u kemm kwistjonijiet ohra ancillari u tentattivi alternattivi halli jintlahaq l-istess skop b'nuqqas ta' tigdid ta' licenzja jew xi *legal notice* li tmur oltre l-ligi</u>." (sottolinear ta' din il-Qorti).

**3.** Fir-rikors, ghalhekk, kienet diga` qed tigi prospettata l-possibilita`, jekk mhux il-probabbilita`, li jsir regolament ossia *legal notice* li permezz tieghu jew taghha jintlahaq l-

istess ghan tal-ftehim kollettiv. Jidher, in fatti, li *amending legal notice* saret permezz tal-Avviz Legali 437 tal-2007 u li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fis-suppliment tal-24 ta' Dicembru 2007 (u ghalhekk erba' gimghat neqsin erbat ijiem wara li kienet infethet il-kawza *de quo*).

**4.** Fis-6 ta' Mejju 2008, ir-rikorrenti pprezentaw rikors li permezz tieghu talbu li fil-kawzali tar-rikors promotorju taghhom jidhlu s-segwenti zewg paragrafi:

"U peress li fil-mori tal-kawza dahal in effett l-Avviz Legali 437 tal-2007 taht il-Kap. 171 li jaghmilha tassattiva l-irtirar mal-61 sena ta' eta`;

"U minkejja li l-Att principali fit-test Malti tieghu jaghti fakolta` lill-Ministru li jaghmel regolamenti meta *foremen* jistghu jirtiraw, fil-fatt bir-regolamenti 437 tal-2007 gie impost li l-*foremen* ikollhom jirtiraw mal-gheluq tal-61 sena".

Fl-istess rikors tas-6 ta' Mejju – li fl-ahhar tieghu jinvoka l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 – intalab ukoll li tizdied din il-hames talba wara l-erbgha li diga` hemm fir-rikors promotorju tal-20 ta' Novembru 2007:

"(5) li l-Avviz Legali 437 tal-2007 huwa in vjolazzjoni tal-artikoli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni, u specjalment peress li l-istess *legal notice* harget oltre l-poter tal-Ministru dwar il-poter tieghu meta jista' jaghmel regolament meta *foreman* <u>jista'</u> jirtira u mhux <u>ghandu</u> jirtira."

**5.** L-intimati quddiem l-ewwel Qorti opponew din it-talba bazikament ghal zewg ragunijiet, u cioe` li d-dikjarazzjoni li ligi hija *ultra vires* ma tinkwadrax fin-natura ta' l-azzjoni originarjament proposta mir-rikorrenti, kif ukoll ghax iz-zidiet ibiddlu "fis-sustanza l-azzjoni" fit-termini ta' l-ahhar sentenza tal-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12.

**6.** L-ewwel Qorti cahdet it-talba kontenuta fir-rikors tas-6 ta' Mejju 2008, u dan permezz tad-digriet li qieghed issa jigi appellat. F'dan id-digriet l-ewwel Qorti, wara li rriproduciet dak li r-rikorrenti talbu li jizdied fir-rikors

promotorju, id-disposizzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 171 (li tawtorizza lill-Ministru jaghmel regolamenti), kif ukoll (fil-qosor) dak li jipprovdi l-Avviz Legali 437/2007, kompliet hekk:

"Dan kollu fil-fehma tal-qorti juri illi l-kwistjoni effettivament hi jekk leġislazzjoni sekondarja hijiex *ultra* jew *intra vires* meta mqabbla mas-setgħa mogħtija mil-liġi ewlenija. Fi kliem ieħor, hija kwistjoni ta' kompatibbiltà ta' liġi sekondarja ma' liġi ewlenija, mhux mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li jħarsu d-drittijiet fondamentali. Din iżda ma hijiex kwistjoni illi għandha tkun imsejħa biex taqtagħha din il-qorti fi proċeduri bħal dawk tallum.

"Għalhekk, ikun għalxejn illi tiżdied it-talba li jridu li tiżdied ir-rikorrenti, għax din il-qorti ma tkunx tista' taqta' jew tiddeċiedi dwarha."

**7.** Ir-rikorrenti appellaw minn dan id-digriet b'rikors intavolat fil-25 ta' Novembru 2008. L-intimati appellati Prim Ministru, Ministru ghall-Kompetittivita` u Kommunikazzjoni u l-Avukat Generali wiegbu billi qalu li d-decizjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 kienet gusta u kienet timmerita konferma. Huma jinsistu li kieku t-talba tar-rikorrenti kellha tintlaqa' tkun qed tinbidel is-sustanza ta' l-azzjoni jew tal-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza, in vjolazzjoni ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 gja msemmi; huma jkomplu jghidu li "jekk ligi hijiex *ultra vires* hija purament kwistjoni ta' kompatibilita` ta' ligi sekondarja ma' ligi ewlenija u mhux kawza illi tinkwadra fil-parametri ta' kawza dwar allegat vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali." Ghalkemm l-intimati appellati l-ohra ma pprezentawx risposta bil-miktub, huma dehru fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2009 u ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

**8.** Ezaminati l-atti kollha relevanti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti ghandhom ragun. Bit-talbiet taghhom kif migjuba fir-rikors tas-6 ta' Mejju 2008 b'ebda mod ma jista' jinghad li huma qed ibiddlu <u>fis-sustanza</u> l-azzjoni, jew li b'xi mod qed jippregudikaw jew jissorprendu lill-intimati appellati fid-difiza taghhom b'tali mod li dawn ikollhom

iressqu xi eccezzjonijiet sostanzjalment godda. Bil-mod kif inhu redatt ir-rikors promotorju huwa evidenti li kien qed jigi anticipat – kwazi kien *in procinto* – li jinhareg avviz legali bhalma effettivament inhareg – ara l-bran mir-rikors promotorju citat fil-paragrafu **2**, *supra*. L-azzjoni tibqa’, fis-sustanza, dik li hi, u cioe` li qed jigi allegat li b’dak li bi hsiebhom jaghmlu, u li issa ghamlu, l-intimati jew min minnhom, ser jigu lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Huwa minnu li, normalment, kawza ghal dikjarazzjoni li ligi sussidjarja hija *ultra vires* il-ligi principali ma timportax bhala konsegwenza necessarja lezjoni ta’ drittijiet fondamentali; izda, mill-banda l-ohra, lanqas jista’ jigi eskluz aprioristikament li tali ligi sussidjarja, jekk tkun hekk *ultra vires*, tkun tista’ twassal ghal tali lezjoni, u dan specjalment fid-dawl ta’ dak li hu implicitu ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni – assumendo, ghall-grazzja ta’ l-argument, li l-licenzja li jivvantaw ir-rikorrenti hija “possediment” ghall-finijiet ta’ dana l-artikolu, “[d]eprivations of property must also conform with requirements of lawfulness, both as regards the existence of a basis for the measure in domestic law and the requisite quality of the law.” [1] Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, u specjalment fid-dawl tal-premessi u t-talbiet kif migjuba fir-rikors promotorju, inkluza t-tielet talba[2], it-talbiet kif migjuba fir-rikors tas-6 ta’ Marzu 2008 kellhom jintlaqghu.

**9.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka d-digriet tat-3 ta’ Ottubru 2008, u minflok tilqa’ t-talbiet kif kontenuti fir-rikors tas-6 ta’ Mejju 2008, tordna li r-rikors promotorju jigi konformement korrett, u tordna li l-atti tal-kawza jigu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma’ l-istess kawza skond il-ligi. L-ispejjez konnessi ma dan l-incident, kemm dawk inkorsi in prim istanza kif ukoll dawk inkorsi f’dana l-istadju tal-appell, jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

---

[1] Reid, K. **A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London), 2004, p. 292, para. IIB-140.

[2] “(3) tordna lill-intimati jew lil min minnhom li bl-ebda mod ma jispussessaw lir-rikorrenti mid-dritt imsemmi fl-ewwel talba, la direttament u lanqas indirettament, billi jaslu f’xi ftehim ma nies ohra li ghandhom licenzja, jew billi ma tiggeddidx il-licenzja tal-esponenti, jew billi jsir regolament halli jigu forzati li jirtiraw mix-xoghol” – sottolinear ta’ din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------